TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 134/13/F

**Neil Micallef**
**vs**
**Migeal Bonello eżerċenti l-kummerċ bħala Edwards & Lowell**

Illum 25 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Ġunju, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u disgħin ewro (€190), rappreżentanti prezz ta' spejjeż illi s-soċjeta' ntimata kellha tħallas sabiex tibgħat l-arloġġ barra minn Malta u liema spejjeż ir-rikorrenti qatt ma ġie nfurmat bihom u għalhekk ma jridx iħallas.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-arloġġ Rolex għand is-soċjeta' ntimata sabiex jiġi msewwi, pero' hawn Malta ma jsirux it-tiswijiet u għalhekk kellu jintbagħat barra minn Malta, u li *da parte* tiegħu r-rikorrenti qatt ma ġie nfurmat b'dawn l-ispejjeż tat-trasport u li dan l-arloġġ ma setax jissewwa, u li kellu jħallas l-ispejjeż ta' mija u disgħin ewro (€190).

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi mhuwiex minnu li r-rikorrenti ma kienx avżat bl-ispejjeż u li l-arloġġ kellu jintbagħat barra minn Malta.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi huwa normali li jkun hemm l-ispejjeż anke minħabba l-fatt li dan jiġi inxurjat biex jintbagħat barra minn Malta u ssir it-tiswija u anke jekk f'dan il-każ ma setax jissewwa, xorta kien hemm l-ispejjeż.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tirritorna l-arloġġ lura lir-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888